MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-29 ta' April, 2010

Numru 1175/2009

Il-Pulizija
(Spettur Kevin J Farrugia)

vs

Mauro Zammit

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat ta' karta ta' identita' numru 00145286M, akkuzat talli nhar it-3 ta' Novembru, 2009 ghal habta ta' '20.10 hours' gewwa Santa Marija limiti tal-Maghtab, Naxxar u fl-inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin:

1. bla ordni skond il-ligi ta' awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha tal-privat li jarresta l-hati, arresta jew zamm jew issekwestra lil tarbija ta' ghaxar xhur, kontra l-volonta' taghha jew tal-genituri

taghha pprovda l-post fejn l-istess tarbija nzammet arrestata u mizmuma jew issekwestrata.
2. ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Sabrina Grech li ghandha numru tal-karta ta' l-identita' 255390M.
3. ghamel ingurji u thedid lil Sabrina Grech li ghandha numru tal-karta tal-identita' 255390M, liema thedid mhux imsemmijin band'ohra fd'an il-Kodici jew jekk kien ipprovoka ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
4. flimkien ma' theddid lil Sabrina Grech li ghandha numru tal-karta tal-identita' 255390M ukoll fil-kaz ta' theddid bil-fomm, ghamel ordni jew kundizzjoni;
5. bl-imgieba tieghu kkaguna lil persuna domestika, Sabrina Grech li ghandha numru tal-karta tal-identita' 255390M, biza li ser tintuza vjolenza kontrihom, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu se tikkagunalhom biza;
6. volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.
7. sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija mitluba illi fil-kaz ta' sejbien ta' htija minbarra u/jew flimkien mal-piena applikabbli, tapplika fil-konfront tal-hati l-ordni ta' protezzjoni a terminu tal-artikolu 412 (C) tal-Kodici Kriminali u taghmel ordni ta' protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat huma segwitu ghall-incident li gara bejnu u l-kwerelanta fil-kors ta’ argument li qam bejniethom fl-inhawi tal-Maghtab. Mill-istqarrija tal-akkuzat, jekk xejn, hu konfermat li dak inhar ghal circa it-8.00p.m. hu u l-kwerelanta argumentaw bejniethom waqt li kienu bil-vettura taghha fejn kellha wkoll it-tarbija taghha ta’ appena ghaxar xhur. Jidher li f’xi hin l-kwerelanta ghamlet biex issuq ‘l hemm bil-vettura taghha izda incampat f’xi tajn u telqet bil-miexi. Hawnhekk l-akkuzat thalla fuq il-post bit-tarbija gewwa l-vettura abbandunata mill-kwerelanta b’dan li kellhu iccempel lill-missier it-tarbija. Dan ta’ l-ahhar xehed li proprjament l-argument kien beda f’Pembroke quddiem fejn joqghod hu u waqt l-argument kien ra lill-akkuzat jaghti daqqa ta’ ponn lill-kwerelanta, imbaghad telqu. Sussegwentement ix-xhud kien mar u gabar it-tarbija.

Intant, fl-udjenza tat-22 ta’ Marzu 2010, l-kwerelanta irribadiet li kienet qeghdha tirrinunzja ghal kull haga rinunzjabbli u kkonfermat li l-feriti li soffriet kienu ta’ natura hafifa, kif jirrizulta li huma mir-relazzjoni tal-perit mediku gia’ nominat mill-Qorti diversament preseduta fil-presentata bl-arrest tal-akkuzat.

Fuq il-ftit provi li jinsabu in atti - l-ewwel u s-sitt akkuza ma jirrizultawx; it-tieni, stabbilit li l-ferita hija ta’ natura hafifa, wkoll t-tielet, mhux aktar prosegwibbli stante rinunzja tal-kwerelanta; dwar ir-raba akkuza m’hemmx provi; dwar il-hames akkuza mhux il-kaz li jigi applikat u jittiehed l-ebda provediment taht l-Artikolu 412C tal-Kap 9 fid-dawl kemm tar-rinunzja u dak li xehdet l-kwerelanta fid-19 ta’ Novembru tas-sena l-ohra.

Konsegwentement, billi l-akkuzat m’hu ser jinstab hati ta’ ebda akkuza migjuba kontra tieghu r-recidiva tibqa’ tali taht l-Artikolu 49 tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------